A.L. 48 ta' l-1989

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSJUNARJI B'SETGĦA LI JAGĦTU ĠURAMENT (KAP. 79)

Regolamenti ta' l-1989 dwar Nutari Pubbliċi li jinħatru Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 dwar Nutari Pubbliċi li jinħatru Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, u għandhom jibdew iseħħu fil-15 ta' Mejju, 1989.

Timbru li juri l-kariga ta' Nutar Pubbliku u Kummissjunarju b'setgħa li jagħti Ġurament.

2. (1) Qabel ma Nutar Pubbliku jinħatar Kummissjunarju b'setgħa li jagħti Ġurament mill-Avukat Ġenerali, huwa għandu jirreġistra kampjun tal-marka tat-timbru msemmi fir-regolament (2) ta' dan ir-regolament fi ktieb miżmum għal dan il-għan mill-Avukat Ġenerali.

(2) Nutar Pubbliku li jkun inħatar Kummissjunarju b'setgħa li jagħti Ġurament għandu, minbarra l-ħtiġiet imsemmija fl-artikolu 7 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, jittimbra marka taħt il-firma tiegħu li tkun turi ismu u kunjomu, il-kariga tiegħu bħala Nutar Pubbliku u Kummissjunarju b'setgħa li jagħti Ġurament u l-indirizz tiegħu.

(3) Kull meta Nutar Pubbliku li jkun maħtur bħala Kummissjunarju b'setgħa li jagħti Ġurament kif imsemmi qabel jibdel l-indirizz tiegħu, huwa għandu jara li jsir timbru ġdid li jkun juri l-indirizz ġdid tiegħu u għandu jirreġistra marka tiegħu fil-ktieb imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.